# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 t'April tas-sena 2002.**

**Numru 12**

**Avviz numru 818/00/SM**

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Carmel Attard.**

**vs**

**Patrick Michael Micallef.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-konvenut gie msejjah quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-istanti s-somma ta' LM662.28,0 danni li kellhom jghamlu fronti ghalihom (minhabba comprehensive policy of insurance) in segwitu**

**ghal incident stradali li sehh fl-14 ta' Mejju, 1997 fil-Gzira bejn car Jetta numru ATT-749 misjuqa minn Carmel Attard u car Mini numru C8980M misjuqa minnu. Prevja dikjarazzjoni li hu kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti;**

2. **Bl-ispejjez komprizi LM11.50,0, tal-konsult, dawk tal-ittra ufficcjali tad-29 ta' Jannar, 1999, dawk tal-ittra ufficcjali tat-22 ta' Gunju, 2000 ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Jannar, 1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-21 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, stante illi l-incident de quo sehh minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-assigurat tas-socjeta' attrici Carmel Attard, li kien qed iwettaq manuvra ta' overtaking b'volocita' eccessiva, li kienet il-kagun ta' l-incident de quo, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tad-9.00 p.m. go Sliema Road, il-Gzira, u fih kienu involuti l-vettura tal-marka Volkswagon bin-numru ATT-749 misjuqa minn Carmel Attard, l-assigurat tas-socjeta' attrici, u l-vettura tal-marka Mini Minor bin-numru ta' registrazzjoni C-8980 misjuqa mill-konvenut;**

**2. Illi jirrizulta li waqt li dawn il-vetturi kienu mixjin wara xulxin, meta l-assigurat Attard gie biex jissorpassa lill-konvenut f'inkrocju kif jidher fl-iskizz ipprezentat fl-atti odjerni, il-konvenut kiser ghal fuqu;**

**3. Illi rigward il-fatt jekk il-konvenut uzax "indicator" biex jigbed l-attenzjoni tal-vetturi li kienu warajh bl-intenzjoni tieghu jezisti ekwivoku stante li l-assigurat tas-socjeta' attrici isostni li l-konvenut ma xeghel l-ebda "indicator" metri l-konvenut isostni l-oppost;**

**4. Illi d-danni sofferti mis-socjeta' attrici jammontaw ghall-sitt mija u tnejn u sittin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu, (Lm662.28,0), u jirrizulta li giet regolarment surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta wkoll is-segwenti:**

**1. Illi fil-hin ta' l-incident kien id-dlam;**

**2. Illi l-protagonisti kienu l-unici karozzi fit-triq;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi hi l-fehema ta' din il-qorti li fic-cirkostanzi fuq sintetikament elenkati dan l-incident seta' verament facilment jigi evitat li kieku z-zewg konducenti involuti ezercitaw dik il-prudenza tant indispensabbli fis-sewqan;**

**Illi jirrizulta ex admissis li anke l-assigurat Attard naqas juri l-intenzjoni tieghu li ried jeffettwa sorpass billi xehed**

**li lanqas hu ma xeghel l-“indicator” tieghu qabel ma beda l-manuvra tieghu;**

**Ghaldaqstant din il-qorti hi tal-fehema li z-zewg konducenti involuti kkontribwew ghall-incident de quo u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara lil Carmel Attard u lill-konvenut Patrick Michael Micallef ugwalment responsabbli ghall-incident de quo;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ sitt mija u tnejn u sittin Lira Mlatin u tmienja u ghoxrin centezmu, (Lm662.28,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Patrick Michael Micallef biex ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tlett mija u wiehed u tletin Lira Maltin u erbaghtax-il centezmu, (Lm331.14,0), bl-imghaxijiet relattivi mid-data ta’ l-ittra ufficcjali tad-29 ta’ Jannar, 1999, bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**